**Parlament Ewropew**
2014-2019

**0061/2015**

14.10.2015

# DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

imressqa skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar id-donazzjoni ta' ikel mhux mibjugħ u tajjeb għall-konsum lill-istituti tal-karità

**Hugues Bayet (S&D), Angélique Delahaye (PPE), Stanisław Ożóg (ECR), Petr Ježek (ALDE), Younous Omarjee (GUE/NGL), Ernest Urtasun (Verts/ALE), Marco Valli (EFDD), Maria Arena (S&D), Marc Tarabella (S&D), Mariya Gabriel (PPE), Patrick Le Hyaric (GUE/NGL), Eva Joly (Verts/ALE), Fabio Massimo Castaldo (EFDD), Guillaume Balas (S&D), Antonio López-Istúriz White (PPE), José Blanco López (S&D), Simona Bonafè (S&D), Biljana Borzan (S&D), Nikos Androulakis (S&D), Virgine Rozière (S&D), Sylvie Guillaume (S&D), José Bové (Verts/ALE), Anneliese Dodds (S&D), Neena Gill (S&D), Victor Negrescu (S&D), Claudia Tapardel (S&D), Kathleen Van Brempt (S&D), David Casa (PPE), Karima Delli (Verts/ALE), Pascal Durand (Verts/ALE)**

Data ta' skadenza: 14.1.2016

**0061/2015**

**Dikjarazzjoni bil-miktub, skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, dwar id-donazzjoni ta' ikel mhux mibjugħ u tajjeb għall-konsum lill-istituti tal-karità**[1]

1. Wieħed minn kull erba' Ewropej, jew 125 miljun persuna, qegħdin f'riskju ta' faqar, u 16-il miljun Ewropew ibatu faqar alimentari.

2. Id-drawwiet tagħna fil-konsum, speċjalment fejn jidħlu s-supermarkets, iwasslu biex għadd kbir ta' prodotti li jkunu għadhom tajbin għall-konsum ma jinbigħux, jew jitneħħew minn fuq l-ixkafef u jinqerdu. Huwa stmat li kull sena fl-Ewropa jintremew mal-100 miljun tunnellata ta' prodotti tal-ikel.

3. Dan japplika, b'mod partikolari, għal prodotti li jkunu waslu biex jiskadu, oħrajn li jkunu baqgħu ma nbigħux waqt promozzjonijiet temporanji, frott u ħxejjex li d-dehra tagħhom titqies inferjuri, eċċ.

4. Skont rapport ippubblikat mill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew f'Ġunju 2014, għadd ta' Stat Membri diġà ħadu passi biex jinkoraġġixxu d-donazzjoni ta' ikel mhux mibjugħ lill-istituti tal-karità.

5. Il-Kummissjoni u l-Kunsill huma mistiedna jeżaminaw il-possibbiltà li, f'kooperazzjoni mas-settur alimentari, tiġi adottata skema applikabbli fl-UE kollha li tħeġġeġ lis-supermarkets iqassmu l-ikel mhux mibjugħ u tajjeb għall-konsum lill-istituti tal-karità.

6. Din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, qed tintbagħat lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

[1] Bi qbil mal-Artikolu 136(4) u (5) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, meta d-dikjarazzjoni tkun iffirmata minn maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, għandha tiġi ppubblikata fil-minuti bl-ismijiet tal-firmatarji tagħha u tintbagħat lid-destinatarji, mingħajr madankollu ma torbot lill-Parlament.